



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/247 tas-16 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi lista ta' indikaturi għar-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT)** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/248 tat-13 ta' Novembru 2018 li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 63/2011 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 5
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/249 tat-12 ta' Frar 2019 li jissospendi l-preferenzi tariffarji għal ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP fir-rigward ta' ċerti taqsimiet tal-SĠP skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu 2020-2022** 6
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 ⁽¹⁾** 9
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/251 tat-12 ta' Frar 2019 li jirrigwarda d-dazji definittivi antidumping imposti fuq importazzjonijiet minn Hubei Xinyegang Steel Co., Ltd u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina** 25

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/252 tal-11 ta' Frar 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2005/240/KE li tawtorizza metodi tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Polonja (notifikata bid-dokument C(2019) 811)** 29

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/247

tas-16 ta' Ottubru 2018

li jistabbilixxi lista ta' indikaturi għar-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-ewwel rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' emendi ⁽²⁾. Ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ tejjeb, ikkjarifika u ssimplifika t-twaqqif u l-funzjonament tar-raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali ("REKT").
- (2) F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Regguni rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tivvaluta, fuq il-bażi ta' ċerti indikaturi, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud Ewropew u l-marġini għas-simplifikazzjoni tiegħu.
- (3) Jenħtieġ li l-indikaturi jgħinu lill-Kummissjoni tiffirma opinjoni dwar il-progress li sar sa issa. Jenħtieġ li tiġi introdotta data ta' skadenza għall-għbir ta' informazzjoni għar-rapport u l-progress jenħtieġ li jiġi vvalutat billi s-sitwazzjoni f'ċertu xenarju bażi titqabbel mas-sitwazzjoni fid-data ta' skadenza stabbilita. Jenħtieġ li jintużaw kemm l-indikaturi kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi meta jiffassal ir-rapport.
- (4) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1302/2013, dan ir-Regolament japplika mit-22 ta' Ġunju 2014. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, il-proċedura ta' approvazzjoni tar-REKT li huma fil-proċess li jitwaqqfu tiddependi fuq id-data tat-22 ta' Ġunju 2014. Ix-xenarju bażi għall-indikaturi li jkejlu l-progress, għalhekk, jenħtieġ li jkun dak tas-sitwazzjoni fil-21 ta' Ġunju 2014. Id-data ta' skadenza biex tkun irċevuta *data* jew informazzjoni għall-użu tal-indikatur tista' tiġi stabbilita biss waqt ħidma preparatorja għar-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u jenħtieġ li tissemma fir-rapport.
- (5) Jenħtieġ li l-indikatur tal-effettività juri kemm ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 qed jirnexxielu jilħaq b'suċċess l-oġġettivi tiegħu jew jagħmel progress fl-ilħuq tagħhom.
- (6) L-indikatur tal-effiċjenza jikkunsidra r-relazzjoni bejn ir-riżorsi jew l-inputs użati u l-bidliet jew ir-riżultati ġġenerati. Fir-rigward tal-proċedura ta' approvazzjoni għat-twaqqif tar-REKT, l-informazzjoni dwar l-ispejjeż varji

⁽¹⁾ ĠUL 210, 31.7.2006, p. 19.

⁽²⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT)" - COM(2011) 462 final, 29.7.2011.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303).

għat-twaqqif ta' korpi ġuridiċi għall-kooperazzjoni tista' tiġi ġġenerata biss mill-awtoritajiet nazzjonali li kienu approvaw korpi komparabbli qabel. Fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-progress tar-REKT u indirettament tal-effiċjenza tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 sa issa, jenħtieġ li l-ispejjeż għall-funzjonament ta' dawk ir-REKT jitqabblu mal-ispejjeż involuti fir-twaqqif ta' korp ġuridiku differenti għall-kooperazzjoni. Tqabbil bħal dan jista', madankollu, jsir biss ma' REKT li kienu waqqfu minn qabel korp ġuridiku differenti għall-kooperazzjoni.

- (7) L-indikatur tar-rilevanza jikkunsidra l-estent sa fejn l-oġġettivi u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-membri prospettivi tar-REKT.
- (8) L-indikatur tas-sostenibbiltà, li huwa marbut mar-rilevanza, jikkunsidra l-għadd ta' REKT irreġistrati, li fil-fatt ma qed iwettqu l-ebda attività.
- (9) L-indikatur tal-valur miżjud Ewropew jikkunsidra jekk ir-REKT ġewx imwaqqfa grazzi għar-Regolament (KE) Nru 1082/2006, f'każ li l-membri tar-REKT ma setgħux iwaqqfu korpi ġuridiċi għall-kooperazzjoni territorjali skont il-liġi internazzjonali jew nazzjonali.
- (10) Fir-rigward tal-marġini għal simplifikazzjoni ulterjuri tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006, jenħtieġ li jiġu vvalutati l-elementi għas-simplifikazzjoni, bħall-proċedura għat-twaqqif ta' REKT ġodda, inkluża l-approvazzjoni taċita mill-awtoritajiet ta' approvazzjoni nazzjonali, kif introdotti mir-Regolament (UE) Nru 1302/2013.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikaturi li jridu jintużaw għar-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Lista ta' indikaturi għar-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni (REKT)

Kriterju ta' valutazzjoni	Isem l-indikatur	Unità
Effettività	Il-konformità tar-regoli nazzjonali tal-Istati Membri ma' dan ir-Regolament	Għadd ta' Stati Membri li adottaw regoli ta' implimentazzjoni riveduti fid-data ta' skadenza għar-rapport
	Iż-żieda fit-twaqqif ta' REKT (Xenarju bażi: għadd ta' REKT fil-21 ta' Ġunju 2014: X)	Għadd ta' REKT fid-data ta' skadenza għar-rapport
	Iż-żieda fil-membri ta' REKT f'REKT eżistenti (Xenarju bażi: għadd ta' membri ta' REKT meta twaqqfu l-ewwel darba)	Għadd ta' membri ta' REKT fid-data ta' skadenza għar-rapport
	Iż-żieda fil-membri ta' REKT skont il-kategorija (Xenarju bażi: Għadd ta' membri fil-21 ta' Ġunju 2014: X) Is-sub-indikaturi skont il-kategorija: — Stati Membri — awtoritajiet fil-livell nazzjonali — awtoritajiet reġjonali — awtoritajiet lokali — impriżi pubbliċi — impriżi fdati b'operazzjonijiet ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali — assoċjazzjonijiet li jikkonsistu minn korpi li jappartjenu lil waħda jew iktar minn dawn il-kategoriji — awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, jew korpi jew impriżi, ekwivalenti għal dawk ta' hawn fuq minn pajjiż terzi jew pajjiżi jew territorji <i>extra</i> -Ewropej	Għadd fid-data ta' iskadenza għar-rapport
	Iż-żieda fis-servizzi pprovduti riżultat tar-REKT (Xenarju bażi: Għadd ta' servizzi pprovduti fil-21 ta' Ġunju 2014: X) Is-subindikaturi skont il-kategorija: — Saħħa — Edukazzjoni u taħriġ — Ambjent, enerġija, ħarsien u tan-natura; — Trasport — Riċerka — Oħrajn	Għadd fid-data tal-iskadenza għar-rapport
Effiċjenza	L-ispejjeż biex jitwaqqaf REKT meta mqabbla mal-ispejjeż biex jitwaqqfu strutturi komparabbli skont il-liġi internazzjonali jew nazzjonali ⁽¹⁾	EUR
	L-ispejjeż għall-funzjonament ta' REKT meta mqabbla mal-ispejjeż għall-funzjonament ta' strutturi komparabbli skont il-liġi internazzjonali jew nazzjonali.	EUR
	Il-proċedura ta' approvazzjoni għat-twaqqif ta' REKT meta mqabbla mal-proċedura ta' approvazzjoni għal korpi komparabbli skont il-liġi internazzjonali jew nazzjonali	Għadd ta' xhur
Rilevanza	L-użu tar-REKT għall-implimentazzjoni ta' programm ta' kooperazzjoni (bħala awtorità ta' ġestjoni) (Xenarju bażi: Għadd ta' REKT bi rwol ta' Awtorità ta' ġestjoni fil-21 ta' Ġunju 2014: X)	L-għadd ta' REKTs nnominati bħala awtorità ta' ġestjoni ta' programm ta' kooperazzjoni fid-data ta' skadenza għar-rapport

Kriterju ta' valutazzjoni	Isem l-indikatur	Unità
	L-użu ta' REKT biex tiġi implimentata parti minn programm ta' kooperazzjoni (eż. subprogrammi, fondi ta' proġetti żgħar, proġetti ta' kuntatt bejn il-persuni, Investimenti Territorjali Integrati, Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunta) (Xenarju bażi: għadd ta' REKT bl-irwol ta' Awtorità ta' Ġestjoni fil-21 ta' Ġunju 2014: X)	L-għadd ta' REKT nnominati biex jimplimentaw parti minn programm ta' kooperazzjoni fid-data ta' skadenza għar-rapport
	L-użu ta' REKT biex tiġi implimentata operazzjoni (Xenarju bażi: l-għadd ta' REKT bi rwol ta' Awtorità ta' Ġestjoni fil-21 ta' Ġunju 2014: X) Is-subindikaturi skont il-kategorija: — operazzjoni skont programm ta' kooperazzjoni (transfruntiera, transnazzjonali jew interreġjonali) — operazzjoni appoġġjata mill-Unjoni permezz ta' Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont programm ta' Investiment għall-Mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi — operazzjoni appoġġjata mill-Unjoni permezz tal-Fond Soċjali Ewropew — operazzjoni appoġġjata mill-Unjoni permezz tal-Fond ta' Koeżjoni — operazzjoni/proġett appoġġjati mill-Unjoni barra mill-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni	L-għadd fid-data ta' skadenza għar-rapport
	L-użu ta' għażliet differenti għall-għażla tal-liġi applikabbli: — il-liġi applikabbli fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-infurzar tal-konvenzjoni (l-Artikolu 8(2)(g)); — il-liġi applikabbli għall-atti tal-organi (l-Artikolu 8(2)(h)); kif ukoll — il-liġi direttament rilevanti għall-attivitajiet tar-REKT (l-Artikolu 8(2)(j))	Kwalitattiv
	L-użu tal-persunal proprju bħala perċentwal tat-total tal-persunal ⁽²⁾	Perċentwal ⁽³⁾
	Il-fatturi motivanti fl-għażla biex jitwaqqaf REKT, għal dawk il-korpi li daħlu formalment fi ftehim REKT	Kwalitattiv
Sostenibbiltà	Ir-REKT irreġistrati mingħajr ma wettqu attivitajiet	Numru
Valur miżjud tal-UE	L-għadd ta' strutturi u netwerks ta' kooperazzjoni territorjali li twaqqfu għax ġie offrut l-istrument tar-REKT skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006	Kwantitattiv/Kwalitattiv
	Il-vantaġġi tal-korp ġuridiku stabbilit skont il-liġi tal-UE meta mqabbel mal-korpi ġuridiċi li jeżistu skont il-liġi internazzjonali jew nazzjonali	Kwalitattiv
Simplifikazzjoni introdotta mill-istrument	It-tul ta' żmien medju biex jitwaqqaf REKT (il-fażi 1: sas-sottomissjoni tal-abbozz tal-konvenzjoni) qabel u wara l-emendar ta' dan ir-Regolament	Xhur
	It-tul ta' żmien medju biex jitwaqqaf REKT (il-fażi 2: sottomissjoni tal-abbozz tal-konvenzjoni sal-approvazzjoni finali) qabel u wara l-emenda ta' dan ir-Regolament	Xhur
	L-għadd ta' approvazzjonijiet permezz ta' approvazzjoni taċita mill-awtoritajiet nazzjonali minbarra fl-Istat Membri tal-uffiċċju reġistrat tar-REKT	Għadd (u kwalitattiv)

⁽¹⁾ Eż. il-Grupp ta' Kooperazzjoni Euroreġjonali (Kunsill tal-Ewropa); Euroreġjuni, Eurodistretti; Zweckverband (il-liġi Ġermaniża), Consorcio (il-liġi Spanjola), Groupement local de coopération transfrontalière (il-liġi Franċiża).

⁽²⁾ "Persunal proprju" għall-kuntrarju ta' persunal delegat minn membri tar-REKT.

⁽³⁾ Perċentwal ibbażat fuq l-għadd ta' persunal, l-ebda hteġa li jitqiesu ekwivalenti full-time.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/248**tat-13 ta' Novembru 2018****li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 63/2011 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jstabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-2007, il-manifattur ta' vetturi ħfief General Motors Holding LLC, għarraf lill-Kummissjoni li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ speċifikati għal dak il-manifattur fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 63/2011 ⁽²⁾, mhumiex korretti.
- (2) Il-manifattur ipprova evidenza dettaljata li turi li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fl-2007 kienu ogħla b'mod sinifikanti mill-valur indikat fir-Regolament (UE) Nru 63/2011. Dan il-valur kien ibbażat fuq l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' vetturi li, b'mod żbaljat, inkludew dawk ta' Adam Opel AG, li dak iż-żmien kienet konnessa ma' General Motors. Dawk l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-vetturi tal-Adam Opel AG ikkontribwew għal medja aktar baxxa tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' General Motors fl-2007. L-iżball sar evidenti wara l-bidla fis-sjieda ta' General Motors u Adam Opel, li seħħet fl-1 ta' Awwissu 2017.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li l-evidenza provduta minn General Motors Holding LLC hija prova tal-inkorrettezza tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-manifattur fl-2007, kif indikat fir-Regolament (UE) Nru 63/2011.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 63/2011 jiġi kkoreġut skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-Tabella tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 63/2011, fil-kolonna "Emissjonijiet medji, [g/km]", fir-ringiela ta' "General Motors", il-valur "159,604" jinbidel b'"283,689".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 140, 5.6.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 63/2011 tas-26 ta' Jannar 2011 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 23, 27.1.2011, p. 16).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/249**tat-12 ta' Frar 2019****li jissospendi l-preferenzi tariffarji għal ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP fir-rigward ta' ċerti taqsimiet tal-SĠP skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu 2020-2022**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 732/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati, skont it-tifsira tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, il-preferenzi tariffarji tal-arranġament ġenerali tal-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) għandhom jiġu sospiżi fir-rigward ta' prodotti ta' taqsima tal-SĠP li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju tal-SĠP meta l-valur medju tal-importazzjonijiet mill-Unjoni ta' dawn il-prodotti fuq tliet snin konsekuttivi minn dak il-pajjiż benefiċjarju tal-SĠP jaqbeż il-limiti elenkati fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 u abbażi ta' statistika dwar il-kummerċ fir-rigward tas-snin kalendarji 2012-2014, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/330 ⁽²⁾ stabbilixxa l-lista tat-taqsimiet tal-prodotti li għalihom il-preferenzi tariffarji ġew sospiżi mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tirreżamina dik il-lista u tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi jew jistabbilixxi mill-ġdid il-preferenzi tariffarji.
- (4) Il-lista riveduta jenħtieġ li tapplika għal tliet snin mill-1 ta' Jannar 2020. Il-lista hija bbażata fuq statistika dwar il-kummerċ fir-rigward tas-snin kalendarji 2015-2017 kif disponibbli fl-1 ta' Settembru 2018 u tqis l-importazzjonijiet mill-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 kif applikabbli f'dik id-data. Madankollu, ma tqiesx il-valur tal-importazzjoni minn benefiċjarji tal-SĠP li mill-1 ta' Jannar 2020 mhumx se jibqgħu jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji skont il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 huma sospiżi fir-rigward tal-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP kkonċernati, fir-rigward tal-lista ta' prodotti tat-taqsimiet tal-SĠP stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022.

⁽¹⁾ ĠUL 303, 31.10.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/330 tat-8 ta' Marzu 2016 li jissospendi l-preferenzi tariffarji għal ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SPĠ fir-rigward ta' ċerti sezzjonijiet tal-SPĠ skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠUL 62, 9.3.2016, p. 9).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-lista tat-taqsimiet tas-SĠP li fir-rigward tagħhom ġew sospiżi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 fir-rigward ta' pajjiż benefiċjarju kkonċernat tas-SĠP

Kolonna A: isem il-pajjiż

Kolonna B: Taqsima tas-SĠP (l-Artikolu 2(j) tar-Regolament tas-SĠP)

Kolonna C: deskrizzjoni

A	B	C
L-Indja	S-6a	Sustanzi kimiċi organiċi u inorganiċi
	S-11a	Tessuti
	S-14	Perli u metalli prezzjużi
	S-15a	Ħadid, azzar u oġġetti tal-ħadid u tal-azzar
	S-15b	Metalli komuni (eskluż il-ħadid u l-azzar), oġġetti ta' metalli komuni (esklużi l-oġġetti tal-ħadid u tal-azzar)
	S-17 a	Lokomotivi tal-ferrovija jew tat-tramm, vetturi ferrovjarji
	S-17b	Vetturi bil-mutur, roti, inġenji tal-ajru u inġenji spazjali, vapuri u dgħajjes
L-Indoneżja	S-1a	Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, eskluż il-ħut
	S-3	Żjut tal-annimali jew żjut veġetali, xaħmijiet u xama'
	S-5	Prodotti minerali
	S-9a	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam
Il-Kenja	S-2a	Pjanti ħajjin u prodotti mill-florikultura

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/250**tat-12 ta' Frar 2019**

dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 15(9) u l-Artikolu 24(4) tagħha,

Billi:

- (1) Il-manifatturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, l-applikanti, il-korpi notifikati u l-korpi maħtura jenħtieġ li jużaw mudelli armonizzati għal dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi jew awtorizzazzjoni tal-vetturi għall-introduzzjoni fis-suq sabiex tiġi ssimplifikata l-valutazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ("l-Aġenzija") jew awtorità nazzjonali tas-sikurezza ta' dawk l-applikazzjonijiet u sabiex is-supervizzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni tiġi ffaċilitata mill-awtoritajiet nazzjonali għas-sikurezza.
- (2) Hemm bżonn li l-istabbiliment tad-dikjarazzjonijiet "KE" previsti fid-Direttiva (UE) 2016/797 jiġi ffaċilitat. B'mod partikolari, hemm bżonn li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tad-dikjarazzjoni "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu ta' kostitwenti ta' interoperabbiltà, tad-dikjarazzjoni "KE" ta' verifika tas-subsistemi, tad-dikjarazzjoni intermedja ta' verifika tas-subsistemi, u tad-dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura.
- (3) Hemm bżonn ukoll li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tal-fajl tekniku li jrid jakkumpanja d-dikjarazzjonijiet "KE" billi jiġu stabbiliti mudelli għaċ-ċertifikat "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu ta' kostitwent ta' interoperabbiltà, ċertifikat "KE" ta' verifika ta' subsistema mogħti minn korp notifikat u ċertifikat mogħti minn korp nominat.
- (4) Dikjarazzjoni "KE" ta' konformità u dikjarazzjoni "KE" ta' idoneità għall-użu u d-dokumenti li jakkumpanjawhom jenħtieġ li jipprovdu evidenza li l-kostitwenti ta' interoperabbiltà kienu ġew soġġetti għall-proċeduri stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà ("TSI") korrispondenti għall-valutazzjoni ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu, u jenħtieġ li jindikaw ir-referenzi ta' dawk it-TSIs u ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni.
- (5) Dikjarazzjoni "KE" ta' idoneità għall-użu ta' kostitwenti ta' interoperabbiltà li jinħarġu fuq il-bażi ta' esperjenza ta' waqt is-servizz jenħtieġ li titqies bħala dikjarazzjoni supplimentari għad-dikjarazzjoni "KE" ta' konformità ta' kostitwent ta' interoperabbiltà.
- (6) In-natura tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta jenħtieġ li tippermetti li jintuża mudell wieħed biex jiġu akkomodati kemm id-dikjarazzjoni "KE" ta' konformità tal-kostitwent ta' interoperabbiltà, kif ukoll id-dikjarazzjoni "KE" ta' idoneità għall-użu tal-kostitwent ta' interoperabbiltà.
- (7) Id-dikjarazzjoni "KE" ta' verifika tas-subsistemi u d-dokumenti ta' akkumpanjament tagħha jenħtieġ li jipprovdu evidenza dwar it-tlestija tal-proċeduri rilevanti għall-verifika skont id-dritt tal-Unjoni u r-regoli nazzjonali rilevanti applikabbli, u jenħtieġ li jindikaw ir-referenzi tad-Direttivi u tat-TSIs, kif ukoll ta' atti rilevanti oħra tal-Unjoni u ta' regoli nazzjonali rilevanti.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li subsistema tkompli tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali, matul iż-żmien id-dikjarazzjoni "KE" ta' verifika jenħtieġ li tirrifletti kwalunkwe tibdil li jaffettwaha, u l-applikant jenħtieġ li jkollu fis-seħħ proċeduri biex id-dikjarazzjoni "KE" ta' verifika tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa.

⁽¹⁾ ĠUL 138, 26.5.2016, p. 44.

- (9) Il-proċedura “KE” ta’ verifika għal subsistema modifikata jenħtieġ li tkun konformi mal-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u mad-dispożizzjonijiet applikabbli għas-subsistemi u l-vetturi eżistenti li huma stabbiliti fit-TSIs. Jista’ jkun li s-subsistemi eżistenti jkunu tqiegħdu fis-servizz qabel ma l-proċedura “KE” ta’ verifika kienet applikabbli għalihom, bir-riżultat li ma jkollhomx dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika. Il-proċedura “KE” ta’ verifika dwar tibdilit f’dawk is-subsistemi li jkunu tqiegħdu fis-servizz mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika jenħtieġ li tkun limitata għal dawk il-partijiet tas-subsistema li jinbidlu, u għall-interfaċċi tagħhom għall-partijiet mhux mibdula tas-subsistema. Imbagħad, is-subsistema mibdula jenħtieġ li tiġi koperta b’dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika.
- (10) Jenħtieġ li jintuża mudell wieħed biex jiġu akkomodati d-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika u l-bidliet potenzjali li jistgħu jaffettwaw l-elementi tagħha matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-subsistema.
- (11) Id-Dikjarazzjoni Intermedja ta’ Verifika tas-subsistema, l-anness tagħha u d-dokumentazzjoni li takkumpanjaha jenħtieġ li jipprovdu evidenza dwar it-tlestija ta’ stadju tal-proċedura ta’ verifika rilevanti ta’ subsistema, jew ta’ parti ta’ subsistema, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali rilevanti applikabbli. Jenħtieġ li tindika wkoll ir-referenzi tad-Direttivi, tat-TSIs u ta’ atti rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll ta’ regoli nazzjonali rilevanti.
- (12) In-natura tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta tippermetti li jintuża mudell wieħed biex jiġu akkomodati ċertifikat “KE” ta’ verifika mogħti minn korp notifikat għal subsistema, ċertifikat “KE” ta’ konformità mogħti minn korp notifikat għal kostitwent ta’ interoperabbiltà, ċertifikat “KE” ta’ idoneità għall-użu mogħti minn korp notifikat għal kostitwent ta’ interoperabbiltà, kif ukoll ċertifikat mogħti minn korp maħtur għal subsistema.
- (13) L-annessi tad-dikjarazzjoni ta’ konformità ma’ tip awtorizzat ta’ vettura jenħtieġ li jipprovdu evidenza dwar it-tlestija tal-proċeduri rilevanti għall-verifika skont id-dritt tal-Unjoni u r-regoli nazzjonali rilevanti applikabbli, u jenħtieġ li jindikaw ir-referenzi tad-Direttivi u tat-TSIs, kif ukoll ta’ atti rilevanti oħra tal-Unjoni u ta’ regoli nazzjonali rilevanti.
- (14) Fid-19 ta’ Diċembru 2017, l-Aġenzija ħarġet rakkomandazzjoni dwar dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika tas-subsistemi u tal-mudelli msemmija fl-Artikolu 9(4), l-Artikolu 15(9) u l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797.
- (15) L-Annessi IV u V tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ li jirrigwardaw il-kontenut ta’ dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew ta’ idoneità għall-użu u ta’ dikjarazzjoni ta’ verifika “KE” huma mħassra bid-Direttiva (UE) 2016/797, u għalhekk id-dispożizzjonijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġu sostitwiti.
- (16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 ⁽³⁾ jenħtieġ li jitħassar.
- (17) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

- (a) il-mudell għad-dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew ta’ idoneità għall-użu ta’ kostitwent ta’ interoperabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (b) id-dettalji tal-proċeduri “KE” ta’ verifika tas-subsistemi u l-mudell tad-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika kif imsemmi fl-Artikolu 15(9) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (c) il-mudell għad-Dikjarazzjoni Intermedja ta’ Verifika tas-subsistemi kif imsemmi fl-Artikolu 15(9) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (d) il-mudell għaċ-ċertifikati ta’ konformità jew ta’ idoneità għall-użu ta’ kostitwent ta’ interoperabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) u l-mudell għaċ-ċertifikati ta’ verifika ta’ subsistema kif imsemmi fl-Artikolu 15(9) tad-Direttiva (UE) 2016/797;
- (e) il-mudell tad-dikjarazzjoni ta’ konformità ma’ tip awtorizzat ta’ vettura kif imsemmi fl-Artikolu 24(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 tal-1 ta’ Marzu 2011 dwar il-mudell ta’ dikjarazzjoni ta’ konformità ma’ tip awtorizzat ta’ vettura ferrovjarja (ĠU L 57, 2.3.2011, p. 8).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità” tfisser id-dikjarazzjoni stabbilita għal kostitwent ta’ interoperabbiltà mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li fiha l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jiddikjara, fuq responsabbiltà unika tiegħu, li l-kostitwent ta’ interoperabbiltà kkonċernat, li kien ġie soġġett għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti, huwa konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni;
- (b) “dikjarazzjoni “KE” ta’ idoneità għall-użu” tfisser id-dikjarazzjoni li tissupplimenta d-dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità tal-kostitwent ta’ interoperabbiltà stabbilita għal kostitwent ta’ interoperabbiltà mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li fiha l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jiddikjara, fuq responsabbiltà unika tiegħu, li l-kostitwent ta’ interoperabbiltà kkonċernat, li kien ġie soġġett għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti, jissodisfa r-rekwiżiti għall-idoneità għall-użu speċifikati fit-TSI rilevanti;
- (c) “dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika” tfisser id-dikjarazzjoni stabbilita għal subsistema mill-applikant li fiha l-applikant jiddikjara, fuq responsabbiltà unika tiegħu, li s-subsistema kkonċernata, li kienet ġiet soġġetta għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti, tissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u kull regola nazzjonali rilevanti;
- (d) “Subsistema mqiegħda fis-servizz mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika” tfisser subsistema, fissa jew mobbli, li tkun tqiegħdet fis-servizz qabel kienet applikabbli għaliha l-proċedura ta’ verifika “KE” skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE⁽⁴⁾, Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾ jew 2008/57/KE, u li għalhekk tkun mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika.
- (e) “Dikjarazzjoni Intermedja ta’ Verifika” tfisser id-dokument stabbilit jew mill-korp notifikat li jkun intgħażel mill-applikant, fil-każ ta’ rekwiżiti tat-TSIs, jew inkella minn korp maħtur, fil-każ ta’ rekwiżiti li jirriżultaw minn regoli nazzjonali, li jirreġistra r-riżultati ta’ stadju tal-proċedura ta’ verifika;
- (f) “ċertifikat “KE” ta’ konformità” tfisser iċ-ċertifikat mogħti għal kostitwent ta’ interoperabbiltà mill-korp notifikat tal-konformità ta’ kostitwent ta’ interoperabbiltà, meqjus waħdu, bi speċifikazzjonijiet tekniċi tal-Unjoni li jridu jiġu ssodisfati;
- (g) “ċertifikat “KE” ta’ idoneità għall-użu” tfisser iċ-ċertifikat mogħti għal kostitwent ta’ interoperabbiltà mill-korp notifikat tal-idoneità għall-użu ta’ kostitwent ta’ interoperabbiltà, meqjus fl-ambjent ferrovjarju tiegħu;
- (h) “ċertifikat ta’ verifika” tfisser iċ-ċertifikat mogħti għal subsistema jew mill-korp notifikat jew inkella mill-korp maħtur fir-rigward tal-verifika ta’ konformità rispettivament ma’ TSIs rilevanti jew ma’ regoli nazzjonali rilevanti mill-istadju tad-disinn sal-istadju tal-aċċetazzjoni qabel ma s-subsistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz, u li jkopri l-verifika tal-interfaċċi tas-subsistema kkonċernata mas-sistema li fiha tkun inkorporata;
- (i) “ċertifikat “KE” ta’ verifika” tfisser iċ-ċertifikat mogħti għal subsistema mill-korp notifikat li jirrigwarda biss il-verifika tal-konformità ma’ TSIs rilevanti;
- (j) “dikjarazzjoni ta’ konformità ma’ tip awtorizzat ta’ vettura” tfisser id-dikjarazzjoni stabbilita mill-applikant għal vettura li fiha l-applikant jiddikjara, fuq responsabbiltà unika tiegħu, li l-vettura kkonċernata, li kienet ġiet soġġetta għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti, hija konformi ma’ tip awtorizzat ta’ vettura u tissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u r-regoli nazzjonali rilevanti.
- (k) “ERADIS ID” tfisser il-kodiċi alfanumeriku li jintuża biex tiġi identifikata dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew ta’ idoneità għall-użu ta’ kostitwent tal-interoperabbiltà jew dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika ta’ subsistema, u li huwa stabbilit skont l-Anness VII.

Artikolu 3

Dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew dikjarazzjoni “KE” ta’ idoneità għall-użu

1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jistabbilixxu dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità tal-kostitwent ta’ interoperabbiltà jew dikjarazzjoni “KE” ta’ idoneità għall-użu tal-kostitwent ta’ interoperabbiltà skont il-mudell stabbilit fl-Anness I.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta’ Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta’ veloċità għolja (ĠUL 235, 17.9.1996, p. 6).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2001 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠUL 110, 20.4.2001, p. 1).

2. Dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew dikjarazzjoni “KE” ta’ idoneità għall-użu għandhom jinkitbu b’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u għandhom ikunu bl-istess lingwa tad-dokumenti ta’ akkumpanjament tagħhom.

Artikolu 4

Dokument ta’ akkumpanjament għal dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew għal dikjarazzjoni “KE” ta’ idoneità għall-użu

Dikjarazzjoni “KE” ta’ konformità jew ta’ idoneità għall-użu tal-kostitwenti ta’ interoperabbiltà għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti li ġejjin:

- (a) ċertifikat “KE” ta’ konformità u, fejn ikun xieraq, ċertifikat “KE” ta’ idoneità għall-użu;
- (b) id-dokumentazzjoni teknika skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE ⁽⁶⁾.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika

1. Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li tirriżulta mill-proċeduri ta’ verifika għas-subsistemi stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-Anness IV tal-istess Direttiva. Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika waħda għandha tinkludi l-verifika f’konformità mad-dritt tal-Unjoni u, fejn ikun xieraq, mar-regoli nazzjonali.
2. L-applikant għandu jstabbilixxi dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika skont il-mudell stabbilit fl-Anness II, u skont il-mudell stabbilit fl-Anness III meta din tkun relatata ma’ subsistema li inizjalment tkun tqiegħdet fis-servizz mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika.
3. Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika għandha tinkiteb b’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u għandha tkun bl-istess lingwa tad-dokumenti ta’ akkumpanjament.

Artikolu 6

Proċedura ta’ verifika f’każ ta’ tibdil f’subsistema

1. F’każ ta’ tibdil f’subsistema, l-applikant għandu janalizza t-tibdil u jivvaluta l-impatt fuq id-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika.
2. Meta l-validità ta’ element tad-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika rilevanti tiġi affettwata minn dak it-tibdil, l-applikant għandu jaġġorna d-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika jew jstabbilixxi dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika ġdida. Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika ġdida għandha tiġi stabbilita kull meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġdida skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 18(6) u 21(12) tad-Direttiva (UE) 2016/797.
3. Meta bidla taffettwa parametru bażiku, l-applikant għandu jivvaluta l-ħtieġa għall-proċedura “KE” ta’ verifika stipulata fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-Anness IV ta’ dik id-Direttiva għas-subsistema mibdula, u jwettaqha fejn meħtieġ.

Artikolu 7

Proċedura ta’ verifika f’każ ta’ tibdil f’subsistema mqiegħda fis-servizz mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika

1. F’każ ta’ tibdil f’subsistema mqiegħda fis-servizz mingħajr dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika, l-applikant għandu janalizza t-tibdil u jivvaluta l-impatt fuq id-dokumentazzjoni eżistenti relatata mad-disinn u mal-manutenzjoni.
2. Meta ssir bidla f’subsistema li taffettwa parametru bażiku, l-applikant għandu jivvaluta l-ħtieġa għall-proċedura “KE” ta’ verifika, u jwettaqha skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2016/797 fejn meħtieġ.
3. Il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità għandu jivvaluta biss il-partijiet tas-subsistema li jkunu nbidlu, u għandu jivvaluta l-interfaċċi għall-partijiet mhux mibdula tas-subsistema.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE tad-9 ta’ Novembru 2010 dwar moduli għall-proċeduri għal valutazzjoni ta’ konformità, adattezza għall-użu, u verifika tal-KE li għandhom jintużaw fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal interoperabbiltà adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 4.12.2010, p. 1).

4. Dikjarazzjoni "KE" ta' verifika għandha tiġi stabbilita mill-applikant għas-subsistema kollha billi jiddikjara, fuq responsabbiltà unika tiegħu, li:
- il-parti li tkun inbidlet u l-interfaċċi għall-partijiet mhux mibdula tas-subsistema kienu ġew soġġetti għall-proċeduri ta' verifika rilevanti, u huma konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali rilevanti.
 - il-parti mhux mibdula kienet iddaħħlet fl-użu fis-sistema ferrovjarja u nżammet fl-istat operattiv tad-disinn tagħha mid-data tad-dħul fl-użu fis-sistema ferrovjarja sad-data tal-istabbiliment tad-dikjarazzjoni "KE" ta' verifika.

Artikolu 8

Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika

- Dikjarazzjoni intermedja ta' Verifika għandha tkun ibbażata fuq l-istess moduli tal-valutazzjoni tal-konformità rilevanti bħal dawk użati għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' verifika għal subsistema.
- Il-korp notifikat jew il-korp maħtur għandhom jistabbilixxu d-Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV.
- Id-Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika għandha tinkiteb b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, u għandha tkun bl-istess lingwa tad-dokumenti ta' akkumpanjament tagħha.

Artikolu 9

Ċertifikat ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu u ta' verifika

Iċ-ċertifikat ta' verifika ta' subsistema, iċ-ċertifikat "KE" ta' verifika u ċ-ċertifikat "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà għandhom jiġu stabbiliti skont il-mudell stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 10

Dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura

- Applikant għandu jistabbilixxi dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura skont l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness VI.
- Dikjarazzjonijiet ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura għandhom jinkitbu b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u għandhom ikunu bl-istess lingwa tad-dokumenti ta' akkumpanjament tagħhom.

Artikolu 11

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 201/2011 jitħassar b'effett mis-16 ta' Ġunju 2019.

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 201/2011 għandu jibqa' japplika għad-dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip kif imsemmi fl-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2008/57/KE sas-16 ta' Ġunju 2020 fl-Istati Membri li jkun nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2019 fl-Istati Membri li ma jkunux innotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

L-Artikolu 11 għandu japplika mis-16 ta' Ġunju 2019 fl-Istati Membri li jkun nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni rigward intenzjoni li jiġi estiż il-perjodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797 skont l-Artikolu 57(2) tal-istess Direttiva.

Għandu japplika fl-Istati Membri kollha mis-16 ta' Ġunju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

MUDELL GĦAD-DIKJARAZZJONI "KE" TA' KONFORMITÀ JEW TA' IDONEITÀ GĦALL-UŻU TA' KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ

Dikjarazzjoni "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu tal-kostitwent tal-interoperabbiltà

Numru ta' identifikazzjoni tad-dikjarazzjoni "KE" [ERADIS ID] ⁽¹⁾

Aħna, il-Manifattur jew ir-Rappreżentant awtorizzat

[L-isem tan-negozju]

[Indirizz postali sħiħ]

Niddikjaraw, fuq responsabbiltà unika tagħna, li l-kostitwent tal-interoperabbiltà li ġej (²):

[Isem/deskrizzjoni qasira tal-kostitwent tal-interoperabbiltà, identifikazzjoni unika tal-kostitwent tal-interoperabbiltà]

li għalih tirreferi din id-dikjarazzjoni, huwa konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni:

[Titlu/i tad-Direttiva/i; Titlu/i tat-TSI(s); Titlu/i tal-Ispesifikazzjonijiet Ewropej]

ġie vvalutat mill-Korp Notifikat li ġej:

[L-isem tan-negozju]

[Numru tar-reġistrazzjoni]

[Indirizz sħiħ]

Skont l-approvazzjoni(jiet) u/jew iċ-ċertifikat(i) li ġejjin:

[Approvazzjoni(jiet), data tal-ħruġ] [Numru/i taċ-ċertifikat(i), data tal-ħruġ]

Japplikaw il-kundizzjonijiet għall-użu li ġejjin, kif ukoll restrizzjonijiet oħra (³):

[Lista jew referenza għal-lista tal-kundizzjonijiet għall-użu u restrizzjonijiet oħra]

Sabiex tiġi ddikjarata l-konformità ġew segwiti l-proċeduri li ġejjin:

[Il-moduli magħżula mill-manifattur għall-valutazzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà]

Lista ta' Annessi

[Titli tal-Annessi (Dokumentazzjoni teknika jew fajl tekniku li jakkumpanjaw id-dikjarazzjoni "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu)] (⁴)

Magħmul fi:

[Data JJ/XX/SSSS]

Firma tal-Manifattur/tar-Rappreżentant awtorizzat

[Isem, Kunjom]

⁽¹⁾ L-informazzjoni f'parentesi kwadri [] hija pprovduta bħala għajnuna biex l-utent ikun jista' jimla l-mudell b'mod korrett u eżawrjenti.

⁽²⁾ Id-deskrizzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà għandha tippermetti l-identifikazzjoni unika u għandha tippermetti li jkun hemm traċċabbiltà.

⁽³⁾ Meta ssir referenza għal lista ta' kundizzjonijiet għall-użu u ta' restrizzjonijiet oħra, dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għall-entità tal-awtorizzazzjoni.

⁽⁴⁾ Id-dokumentazzjoni teknika skont id-Deċiżjoni 2010/713/UE.

ANNEX II

MUDELL GĦAD-DIKJARAZZJONI “KE” TA’ VERIFIKA TAS-SUBSISTEMI

Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika tas-subsistemi

Numru ta’ identifikazzjoni tad-dikjarazzjoni “KE” [ERADIS ID] ⁽¹⁾

Aħna, l-Applikant:

[L-isem tan-negozju]

[Indirizz postali sħiħ]

Niddikjaraw, fuq responsabbiltà unika tagħna, li s-subsistema li ġejja ⁽²⁾:

[Isem/deskrizzjoni qasira tas-subsistema, identifikazzjoni unika tas-subsistema]

li għaliha tirreferi din id-dikjarazzjoni ġiet soġġetta għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti u hija konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali rilevanti:

[Referenza: għad-Direttiva/i; għat-TSI(s); għar-regoli nazzjonali rilevanti;]

ġiet ievalutata mill-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

Korp Notifikat:

L-isem tan-negozju

Numru tar-reġistrazzjoni

Indirizz sħiħ

Korp Maħtur:

L-isem tan-negozju

Numru ta’ identifikazzjoni

Indirizz sħiħ

Korp ta’ valutazzjoni [Valutazzjoni tar-riskju]:

L-isem tan-negozju

Numru ta’ identifikazzjoni

Indirizz sħiħ

Skont iċ-ċertifikat(i) u/jew ir-rapport(i) li ġejjin:

[Numru/i taċ-ċertifikat(i), numru/i tar-rapport(i), data/i tal-ħruġ]

Japplikaw il-kundizzjonijiet għall-użu li ġejjin, kif ukoll restrizzjonijiet oħra ⁽³⁾:

[Lista jew referenza għal-lista tal-kundizzjonijiet għall-użu u restrizzjonijiet oħra]

Sabiex tiġi ddikjarata l-konformità ġew segwiti l-proċeduri li ġejjin:

[Il-moduli magħżula mill-applikant għall-verifika tas-subsistema]

L-identifikazzjoni tal-fajl tekniku li jakkumpanja din id-dikjarazzjoni

[Referenza għall-fajl tekniku li jakkumpanja d-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika tas-subsistemi skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797]

Referenza għad-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika ta’ qabel (fejn ikun applikabbli)

[Iva/Le]

Magħmul fi:

[data JJ/XX/SSSS]

Firma tal-Applikant

Isem, Kunjom

⁽¹⁾ L-informazzjoni f’parentesi kwadri [] hija pprovduta bħala għajnuna biex l-utent ikun jista’ jimla l-mudell b’mod korrett u eżawrjenti.

⁽²⁾ Id-deskrizzjoni tas-subsistema għandha tippermetti l-identifikazzjoni unika u għandha tippermetti li jkun hemm traċċabbiltà.

⁽³⁾ Meta ssir referenza għal lista ta’ kundizzjonijiet għall-użu u restrizzjonijiet oħra, dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għall-entità tal-awtorizzazzjoni.

ANNEX III

MUDELL GĦAL DIKJARAZZJONI “KE” TA’ VERIFIKA GĦAL SUBSISTEMA LI INIZJALMENT TKUN TQIEGĦDET FIS-SERVIZZ MINGĦAJR DIKJARAZZJONI “KE”

Dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika tas-subsistemi

Numru ta’ identifikazzjoni tad-dikjarazzjoni “KE” [ERADIS ID] ⁽¹⁾

Aħna, l-Applikant:

[L-isem tan-negozju]

[Indirizz postali sħiħ]

Niddikjaraw, fuq responsabbiltà unika tagħna, li s-subsistema li għaliha tirreferi din id-dikjarazzjoni ⁽²⁾:

[Isem/deskrizzjoni qasira tas-subsistema, identifikazzjoni unika tas-subsistema]

Il-parti li nbidlet tas-subsistema:

[Isem/deskrizzjoni qasira tal-partijiet tas-subsistema]

ġiet soġġetta għall-proċeduri ta’ verifika rilevanti u hija konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali rilevanti:

[Referenza: għad-Direttiva/i; għat-TSI(s); għar-regoli nazzjonali rilevanti;]

ġiet invaluata mill-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:

Korp Notifikat:	Korp Maħtur:	Korp ta’ valutazzjoni [Valutazzjoni tar-riskju]:
L-isem tan-negozju	L-isem tan-negozju	L-isem tan-negozju
Numru tar-reġistrazzjoni	Numru ta’ identifikazzjoni	Numru ta’ identifikazzjoni
Indirizz sħiħ	Indirizz sħiħ	Indirizz sħiħ

Skont iċ-ċertifikat(i) u/jew ir-rapport(i) li ġejjin:

[Numru/i ta’-ċertifikat(i), numru/i tar-rapport(i), data/i tal-ħruġ]

Il-parti mhux mibdula tas-subsistema li għaliha tirreferi din id-dikjarazzjoni ddaħħlet fl-użu fis-sistema ferrovjarja u nżammet fl-istat operattiv tad-disinn tagħha mid-data tad-dħul fl-użu fis-sistema ferrovjarja sad-data tal-istabbiliment tad-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika.

Japplikaw il-kundizzjonijiet għall-użu li ġejjin, kif ukoll restrizzjonijiet oħra ⁽³⁾:

[Lista jew referenza għal-lista tal-kundizzjonijiet għall-użu u restrizzjonijiet oħra]

Sabiex tiġi ddikjarata l-konformità ġew segwiti l-proċeduri li ġejjin:

[Il-moduli magħżula mill-applikant għall-verifika tas-subsistema]

L-identifikazzjoni tal-fajl tekniku li jakkumpanja din id-dikjarazzjoni

[Referenza għall-fajl tekniku li jakkumpanja d-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika tas-subsistemi skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797]

Referenza għad-dikjarazzjoni “KE” ta’ verifika ta’ qabel (fejn ikun applikabbli)

[Iva/Le]

⁽¹⁾ L-informazzjoni f’parentesi kwadri [] hija pprovduta bħala għajnuna biex l-utent ikun jista’ jimla l-mudell b’mod korrett u eżawrjenti.

⁽²⁾ Id-deskrizzjoni tas-subsistema għandha tippermetti l-identifikazzjoni unika u għandha tippermetti li jkun hemm traċċabbiltà.

⁽³⁾ Meta ssir referenza għal lista ta’ kundizzjonijiet għall-użu u ta’ restrizzjonijiet oħra, dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għall-entità tal-awtorizzazzjoni.

Magħmul fi:

[data JJ/XX/SSSS]

Firma tal-Applikant

Isem, Kunjom

ANNEX IV

MUDELL GĦAD-DIKJARAZZJONI INTERMEDJA TA' VERIFIKA

Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika

Numru [numru uniku ta' identifikazzjoni tal-ISV li jiżgura t-traċċabbiltà tad-dokument] ⁽¹⁾

L-Oġġett li qed jiġi Vvalutat ⁽²⁾:

[Identifikazzjoni Unika tas-subsistema jew tal-parti tas-subsistema: l-identifikazzjoni tas-subsistema sħiħa jew tal-parti tas-subsistema, u l-istadji ta' verifika skont il-punt 2.2.3 tal-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2016/797]

L-Applikant, u fejn ikun applikabbli l-Manifattur u l-Postijiet tal-manifattura wkoll:

[Isem/ismijiet, Indirizz(i)]

Rekwiżiti ta' Valutazzjoni:

[Referenza: għad-Direttiva/i, għat-TSI(s), għan-nuqqas ta' applikazzjoni tat-TSI(s), għar-Regoli Nazzjonali rilevanti, għall-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, għal Mezzi Aċċettabbli oħra ta' Konformità]

Il-modulu/i applikat(i):

[Il-moduli kif magħżula mill-applikant għall-valutazzjoni tas-subsistema jew ta' parti tas-subsistema, u l-istadji ta' verifika]

Riżultat tal-Valutazzjoni/Awditjar:

[Inkluża r-referenza għar-rapport ta' valutazzjoni/awditjar]

Japplikaw il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu li ġejjin ⁽³⁾:

[Lista jew referenza għal-lista ta' kundizzjonijiet u ta' limiti tal-użu]

Anness tad-Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika (ISV) ⁽⁴⁾ (fejn ikun applikabbli)

[Iva/Le]

Id-dokumentazzjoni li takkumpanja din l-ISV:

[referenza għad-dokumenti ta' akkumpanjament; lista jew fajl tad-dokumenti użati għall-valutazzjoni]

Validità:

[Iż-żmien u l-kundizzjonijiet tal-validità tal-ISV]

Magħmul fi:

[data JJ/XX/SSSS]

Korp Notifikat

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru tar-reġistrazzjoni

Indirizz postali sħiħ

Korp Maħtur

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru ta' identifikazzjoni

Indirizz postali sħiħ

[JEW]

Paġna 1/[nn]

⁽¹⁾ L-informazzjoni f'parentesi kwadri [] hija pprovduta bħala għajnuna lill-utent waqt li jkun qed jimla l-mudell.

⁽²⁾ Id-deskrizzjoni tas-subsistema jew ta' parti mis-subsistema għandha tippermetti l-identifikazzjoni unika u għandha tippermetti li jkun hemm traċċabbiltà.

⁽³⁾ Meta ssir referenza għal lista ta' kundizzjonijiet għall-użu u restrizzjonijiet oħra, dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għall-entità tal-awtorizzazzjoni.

⁽⁴⁾ Hija prassi tajba li l-ISV tinħareġ bħala dokument b'paġna waħda; jekk l-informazzjoni rilevanti għall-ISV ma toqgħodx kollha f'paġna waħda, l-Anness jipprovi biżżejjed spazju għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li trid tiġi kkunsidrata.

Anness tad-Dikjarazzjoni Intermedja ta' Verifika [fejn ikun applikabbli]

Numru [numru uniku ta' identifikazzjoni tal-ISV]

L-Oġġett li qed jiġi Vvalutat:

[Identifikazzjoni Unika tas-subsistema jew tal-parti tas-subsistema: l-identifikazzjoni tas-subsistema sħiħa jew tal-parti tas-subsistema, u l-istadji ta' verifika skont il-punt 2.2.3 tal-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2016/797]

Magħmul fi:

[data JJ/XX/SSSS]

Korp Notifikat

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru tar-reġistrazzjoni

Indirizz postali sħiħ

Korp Maħtur

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru ta' identifikazzjoni

Indirizz postali sħiħ

[JEW]

Pàġna n/nn

ANNEX V

MUDELL GĦAL ĊERTIFIKAT

Ċertifikat [“KE”] ⁽¹⁾ ta’ [konformità/idoneità għall-użu/verifika]Numru [numru uniku ta’ identifikazzjoni taċ-ċertifikat] ⁽²⁾L-Oġġett li qed jiġi Vvalutat ⁽³⁾:

[Identifikazzjoni Unika tal-Kostitwent tal-Interoperabbiltà jew tas-Subsistema]

L-Applikant, u fejn ikun applikabbli l-Manifattur u l-Postijiet tal-manifattura wkoll:

[Isem/ismijiet, Indirizz(i)]

Rekwiżiti ta’ Valutazzjoni:

[Referenza: għad-Direttiva/i, għat-TSI(s), għar-Regoli Nazzjonali rilevanti, għall-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, għal Mezzi Aċċettabbli oħra ta’ Konformità]

Il-modulu/i applikat(i):

[Il-modulu/i magħżul(a) mill-applikant għall-valutazzjoni tal-Kostitwent tal-Interoperabbiltà jew tas-Subsistema]

Riżultat tal-Valutazzjoni/Awditjar:

[Inkluża r-referenza għar-rapport ta’ valutazzjoni/awditjar]

Japplikaw il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu li ġejjin ⁽⁴⁾:

[Lista jew referenza għal-lista ta’ kundizzjonijiet u ta’ limiti tal-użu]

Anness ⁽⁵⁾ (fejn ikun applikabbli):

[Iva/Le]

Id-dokumentazzjoni li takkumpanja dan iċ-Ċertifikat [“KE”] ⁽¹⁾:

[referenza għad-dokumenti ta’ akkumpanjament; lista jew fajl tad-dokumenti użati għall-valutazzjoni]

Validità:

[Iż-żmien u l-kundizzjonijiet tal-validità taċ-ċertifikat]

Magħmul fi:

[data]]/XX/SSSS]

Korp Notifikat

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru tar-reġistrazzjoni

Indirizz postali sħiħ

Korp Maħtur

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru ta’ identifikazzjoni

Indirizz postali sħiħ

paġna 1[/nn]

(1) “KE” tapplika biss għal ċertifikati maħruġa minn Korp Notifikat, inklużi ċertifikati li jkopru kemm kompiti ta’ Korp Notifikat kif ukoll kompiti ta’ Korp Maħtur meta tkun l-istess entità. “KE” ma tridx tiġi miżjuda fuq ċertifikati maħruġa minn Korp Maħtur.

(2) L-informazzjoni fparentesi kwadri [] hija pprovduta biss bħala għajnuna biex l-utent ikun jista’ jimla l-mudell b’mod korrett u eżawrjenti.

(3) Id-deskrizzjoni tal-kostitwent tal-interoperabbiltà jew tas-subsistema għandha tippermetti l-identifikazzjoni unika u għandha tippermetti li jkun hemm traċċabbiltà.

(4) Meta ssir referenza għal lista ta’ kundizzjonijiet għall-użu u ta’ restrizzjonijiet oħra, dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għall-entità tal-awtorizzazzjoni.

(5) Hija prassi tajba li ċ-ċertifikati jinħarġu bħala dokument b’paġna waħda; jekk l-informazzjoni rilevanti għaċ-ċertifikat ma toqgħodx kollha f’paġna waħda, l-Anness jipprovi biżżejjed spazju għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li trid tiġi kkunsidrata.

Anness taċ-ċertifikat [“KE”] ⁽⁶⁾ [fejn ikun applikabbli ⁽⁷⁾]

Numru [numru uniku ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat]

L-Oġġett li qed jiġi Vvalutat:

[Identifikazzjoni Unika tal-Kostitwent tal-Interoperabbiltà jew tas-Subsistema]

Magħmul fi:

[data JJ/XX/SSSS]

Korp Notifikat

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru tar-reġistrazzjoni

Indirizz postali sħiħ

Korp Maħtur

Firma

Isem, Kunjom

L-isem tan-negozju

Numru ta' identifikazzjoni

Indirizz postali sħiħ

[JEW]

paġna n/nn

⁽⁶⁾ “KE” tapplika biss għal ċertifikati maħruġa minn Korp Notifikat, inklużi ċertifikati li jkopru kemm kompiti ta' Korp Notifikat kif ukoll kompiti ta' Korp Maħtur meta tkun l-istess entità. “KE” ma tridx tiġi miżjuda fuq ċertifikati maħruġa minn Korp Maħtur.

⁽⁷⁾ Hija prassi tajba li ċ-ċertifikati jinħarġu bħala dokument b'paġna waħda; jekk l-informazzjoni rilevanti għaċ-ċertifikat ma toqgħodx kollha f'paġna waħda, l-Anness jipprovi biżżejjed spazju għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li trid tiġi kkunsidrata.

ANNEX VI

MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ MA' TIP AWTORIZZAT TA' VETTURA

Dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura

Aħna,

l-Applikant

[L-isem tan-negozju] ⁽¹⁾

[Indirizz sħiħ]

Niddikjaraw, fuq responsabbiltà unika tagħna, li l-vettura [Numru Ewropew tal-Vettura/Numru tal-Vettura riżervat minn qabel/mezz ta' identifikazzjoni maqbul] ⁽²⁾ li għaliha tirreferi din id-dikjarazzjoni

- hija konformi mat-tip awtorizzat ta' vettura [identifikazzjoni ERATV tat-tip/il-verżjoni/il-varjant tal-vettura]
- hija konformi mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u mar-regoli nazzjonali rilevanti, kif indikat fl-annessi ta' din id-dikjarazzjoni,
- għaddiet mill-proċeduri kollha ta' verifika meħtieġa biex tiġi stabbilita din id-dikjarazzjoni.

Lista tal-annessi ⁽³⁾

[Titli tal-annessi]

Iffirmat għal u fisem [isem l-applikant]

Magħmul fi [post], [data JJ/XX/SSSS]

[isem, kariga] [firma]

⁽¹⁾ L-informazzjoni f'parentesi kwadri [] hija maħsuba bħala għajnuna biex l-utent ikun jista' jimla l-mudell b'mod korrett u eżawrjenti.

⁽²⁾ Fil-każ ta' vettura eżistenti, għall-identifikazzjoni tal-vettura għandu jintuża n-Numru Ewropew tal-Vettura (EVN) eżistenti fil-ħin tal-istabbiliment ta' din id-dikjarazzjoni.

Fil-każ ta' vettura ġdida, jekk fil-ħin meta tiġi stabbilita din id-dikjarazzjoni, il-vettura ma jkunx għadu ngħatalha Numru tal-Vettura riżervat minn qabel f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53), il-vettura għandha tiġi identifikata permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni oħra miftiehma bejn l-applikant u l-entità tal-awtorizzazzjoni.

F'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima 3.2.1 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni, in-Numru tal-Vettura riżervat għandu jsir l-EVN fil-ħin tar-reġistrazzjoni.

⁽³⁾ L-Annessi għandhom jinkludu kopji tad-dikjarazzjoni(jiet) "KE" ta' verifika tas-subsistema/i.

ANNEX VII

STRUTTURA U KONTENUT TAN-NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONI "KE"

Kull dikjarazzjoni "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu għall-użu tal-kostitwent tal-interoperabbiltà u kull dikjarazzjoni "KE" ta' verifika tas-subsistemi għandha tirċievi kodiċi alfanumeriku li jikkonsisti minn 2 ittri u 24 numru, bl-istruttura li ġejja:

KP	RRRRRRRRRRRRRR	SSSS	NNNNNN
Kodiċi tal-pajjiż	Numru tar-reġistrazzjoni	Sena	Kontatur
(żewġ ittri)	nazzjonali tal-applikant	(numru b'erba' ċifri)	(numru b'sitt ċifri)
(numru b'erbat- il ċifra)	(numru b'erbat- il ċifra)		
⏟	⏟	⏟	⏟
Kamp 1	Kamp 2	Kamp 3	Kamp 4

KAMP 1 — Kodiċi tal-pajjiż (żewġ ittri)

Il-kodiċi tal-pajjiż għandu jingħata abbażi tal-Istandard ISO 3166.

**KAMP 2 — Numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-applikant (numru b'erbat-
il ċifra)**

In-numru tar-reġistrazzjoni nazzjonali tal-applikant għandu jkun in-numru tar-reġistrazzjoni legali/ta' identifikazzjoni, mogħti jew mill-Eżattorija jew mir-Reġistru Kummerċjali, jew minn awtorità oħra li tirreġistra l-kumpaniji fl-Istat Membru.

Jekk numru jkollu inqas minn erbat-
il ċifra, l-ewwel ċifri għandhom jitħallew vojta bħala -00, bħal fil-każ ta' kontatur.

KAMP 3 — Sena (erba' ċifri)

Dan il-kamp għandu jindika s-sena li fiha nħareġ id-dokument.

KAMP 4 — Kontatur (sitt ċifri)

Il-kontatur għandu jkun numru progressiv li jiżdied b'unità waħda kull darba li tinħareġ dikjarazzjoni.

Kull sena l-kontatur jerġa' jibda minn zero.

Il-kontatur għandu jkun relatat mal-korp emittenti.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/251

tat-12 ta' Frar 2019

li jirrigwarda d-dazji definittivi antidumping imposti fuq importazzjonijiet minn Hubei Xinyegang Steel Co., Ltd u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 266 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajpijiet mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2),

Billi:

SFOND U SENTENZI TAL-QORTI

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 ⁽²⁾, impona dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar (seamless pipes and tubes — "SPT") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").
- (2) F'Diċembru 2009, Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd ("Hubei"), wieħed mill-produtturi esportaturi tal-SPT fir-RPĊ, ippreżenta rikors għall-annullament tar-Regolament (KE) Nru 926/2009, quddiem il-Qorti Ġenerali. Bis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2014 fil-Kawża T-528/09 ⁽³⁾, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament (KE) Nru 926/2009 sa fejn dan jimponi dazji antidumping fuq l-esportazzjonijiet ta' SPT prodotti minn Hubei u jiġbor dazji provviżorji imposti fuq dawn l-esportazzjonijiet.
- (3) F'April 2014, għadd ta' produtturi tal-Unjoni tal-SPT appellaw din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi C-186/14 P u C-193/14 P ⁽⁴⁾.
- (4) Sadanittant, fis-7 ta' Diċembru 2015, wara talba għal rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ⁽⁵⁾, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 ⁽⁶⁾, estendiet id-dazji fuq l-importazzjonijiet tal-SPT mir-RPĊ, inklużi daww applikabbli għall-SPT prodotti minn Hubei.
- (5) Fis-7 ta' April 2016, fis-sentenza tagħha fil-Kawżi Magħquda C-186/14 P u C-193/14 P, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ħadet l-appelli kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-528/09, u b'hekk ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.
- (6) Fit-3 ta' Ġunju 2016, sabiex jagħtu effett lis-sentenzi msemmija hawn fuq, is-servizzi tal-Kummissjoni neħħew isem Hubei mill-grupp ta' kumpaniji elenkati taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC A 950 u elenkaw lil Hubei separatament taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC C 129 (l-hekk imsejħa "deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2016"). Dik il-modifika tal-kodiċi TARIC tirrifletti l-annullament tal-Qorti tad-dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-SPT prodotti minn Hubei.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠUL 262, 6.10.2009, p. 19).

⁽³⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Jannar 2014 fil-Kawża T-528/09, *Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, ECLI:EU:T:2014:35.

⁽⁴⁾ Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tieni Awla) tas-7 ta' April 2016 fil-Kawżi Magħquda C-186/14 P u C-193/14 P, *ArcelorMittal Tubular Products Ostrava a.s. et vs Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd*, ECLI:EU:C:2016:209.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajpijiet mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2272 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠUL 322, 8.12.2015, p. 21).

PROĊEDIMENTI QUDDIEM IL-QORTI ĠENERALI FIL-KAWŻA T-364/16

- (7) Fis-7 ta' Ġunju 2016, għadd ta' produttori tal-Unjoni tal-SPT ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tal-bidliet fil-bażi tad-*data* tat-TARIC. Permezz tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, fil-Kawża T-364/16 ⁽⁷⁾, il-Qorti Ġenerali annullat l-hekk imsejħa deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2016 li tneħħi lil Hubei mil-lista ta' kumpaniji elenkati taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC A 950 u li telenkaha taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC C 129.
- (8) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża T-364/16, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Kummissjoni kienet korretta li tikkunsidra li l-konformità, mas-sentenzi preċedenti tas-7 ta' April 2016 u tad-29 ta' Jannar 2014, f'konformità mal-Artikolu 266 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kienet timplika li d-dazji antidumping stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 ma kellhomx jibqgħu jinġabru fuq l-oġġetti prodotti minn Hubei ⁽⁸⁾.
- (9) Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li l-annullament tar-Regolament (KE) Nru 926/2009, sa fejn jikkonċerna lil Hubei, ma jistax awtomatikament jimplika l-eliminazzjoni mill-ordni ġuridiku tal-UE tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272, li ma ġewx annullati mill-Qrati tal-Unjoni Ewropea ⁽⁹⁾. Għalhekk, peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 irid jiġi preżunt li huwa legali, il-Kummissjoni kien imissha emendatu jew ħassritu permezz ta' regolament ⁽¹⁰⁾.

EMENDA TAL-MIŻURI ANTIDUMPING

- (10) Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-364/16 u f'konformità mar-regola tal-ekwivalenza tal-forma, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex ineħħi lil Hubei mill-ambitu tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-SPT mir-RPĊ b'effett retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament.
- (11) Ir-rimborż jew ir-remissjoni jenħtieġ li jintalbu mingħand l-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.
- (12) Fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽¹¹⁾, huwa xieraq li tiġi prevista r-rata tal-imgħax ta' inadempjenza li trid titħallas f'każ ta' rimborż ta' dazji definittivi. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali ma jipprevedux din ir-rata ta' interess u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali twassal għal distorsjonijiet mhux dovuti bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-iżdoganar tal-merkanzija.
- (13) Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni wriet, lill-partijiet interessati, l-intenzjoni tagħha li temenda r-Regolament (UE) 2015/2272 biex tneħħi lil Hubei mil-lista ta' kumpaniji li fuq il-prodotti tagħhom jiġu imposti dazji antidumping u r-raġunament sottostanti dik l-emenda.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku (EU) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji antidumping definittivi mġarrba fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn Hubei Xinyegang Steel Co., Ltd lejn l-Unjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272, għandhom jitħallsu lura jew jiġu rimessi. Il-ħlas lura jew ir-remissjoni għandhom jintalbu mingħand l-awtoritajiet doganali nazzjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

2. L-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje Ċ ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħtat id-data tal-iskadenza, b'żieda ta' punt perċentwali wieħed.

⁽⁷⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (*Is-Seba' Awla*) tat-18 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-364/16, *ArcelorMittal Tubular Products Ostrava a.s. and Others v European Commission*, ECLI:EU:T:2018:696.

⁽⁸⁾ Il-Kawża T-364/16, il-paragrafu 67.

⁽⁹⁾ Il-Kawża T-364/16, il-paragrafu 65.

⁽¹⁰⁾ Il-Kawża T-364/16, il-paragrafu 68.

⁽¹¹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti (it-Tielet Awla) tat-18 ta' Jannar 2017, *Wortmann vs Hauptzollamt Bielefeld*, EU:C:2017:19, il-paragrafi 35 sa 39.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Kumpanija	Rata ta' dazju AD (%)	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Shandong Luxing Steel Pipe Co., Ltd, Qingzhou City, ir-RPĊ	17,7	A949
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	27,2	A950
Il-kumpaniji l-oħra kollha	39,2	A999

Għal prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati minn Hubei Xinyegang Steel Co., Ltd, ma għandu japplika l-ebda dazju antidumping. Il-kodiċi addizzjonali TARIC stabbilit għal Hubei Xinyegang Steel Co. huwa C129.”

(2) It-tabella fl-Anness għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Isem il-Kumpanija	Belt
Hebei Hongling Seamless Steel Pipes Manufacturing Co., Ltd	Handan
Hengyang Valin MPM Co., Ltd	Hengyang
Hengyang Valin Steel Tube Co., Ltd	Hengyang
Jiangsu Huacheng Industry Group Co., Ltd	Zhangjiagang
Jiangyin City Seamless Steel Tube Factory	Jiangyin
Jiangyin Metal Tube Making Factory	Jiangyin
Pangang Group Chengdu Iron & Steel Co., Ltd	Chengdu
Shenyang Xinda Co., Ltd	Shenyang
Suzhou Seamless Steel Tube Works	Suzhou
Tianjin Pipe (Group) Corporation (TPCO)	Tianjin
Wuxi Dexin Steel Tube Co., Ltd	Wuxi
Wuxi Dongwu Pipe Industry Co., Ltd	Wuxi
Wuxi Seamless Oil Pipe Co., Ltd	Wuxi
Zhangjiagang City Yiyang Pipe Producing Co., Ltd	Zhangjiagang
Zhangjiagang Yichen Steel Tube Co., Ltd	Zhangjiagang”

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu jibda japplika mid-9 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/252

tal-11 ta' Frar 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2005/240/KE li tawtorizza metodi tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fil-Polonja

(notifikata bid-dokument C(2019) 811)

(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 20(p) u (t) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li, għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal, il-kontenut tal-laħam dgħif irid jiġi vvalutat permezz ta' metodi tal-klassifikazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni u jistgħu jiġu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-kejl fiżiku ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-majjal. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-metodi tal-klassifikazzjoni tkun soġġetta għall-konformità ma' tolleranza massima għall-erruri statistiċi fil-valutazzjoni. Dik it-tolleranza hi definita fil-Parti A tal-Anness V tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 ⁽²⁾.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/240/KE ⁽³⁾, ġie awtorizzat l-użu ta' tmien metodi tal-klassifikazzjoni għall-karkassi tal-majjal fil-Polonja. B'dik id-Deċiżjoni, il-Polonja kienet awtorizzata wkoll li tipprovi preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal bis-sonza, bil-kliewi u/jew bid-dijaframma.
- (3) Il-Polonja talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza tliet metodi ġodda għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal fit-territorju tagħha, u ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-provi tad-dissezzjoni, u indikat il-prinċipji li fuqhom se jissejsu dawn il-metodi, ir-riżultati tal-provi tad-dissezzjoni tagħha u l-ekwazzjonijiet użati biex jiġi vvalutat il-persentaġġ tal-laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1182.
- (4) Meta ġiet eżaminata dik it-talba, ħareġ fid-dieher li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-metodi l-ġodda tal-klassifikazzjoni huma ssodisfati. Għalhekk jenħtieġ li daww il-metodi ta' klassifikazzjoni jiġu awtorizzati fil-Polonja.
- (5) B'konformità mal-Artikolu 20(t) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Polonja talbet ukoll l-awtorizzazzjoni biex tipprevedi għal preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal li tkun differenti mill-preżentazzjoni standard definita fit-Taqsima B.III tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament. Minħabba l-prattiki kummerċjali normali attwali, il-karkassi tal-majjal huma ppreżentati fil-Polonja bis-sonza, bil-kliewi u/jew bid-dijaframma u mingħajr il-kanal estern tas-smigħ. Għalhekk, il-piż reġistrat tal-karkassi ma jikkorrispondix għall-piż tal-preżentazzjoni standard.
- (6) Meta ġiet eżaminata dik it-talba, ħareġ fid-dieher li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' preżentazzjoni differenti tal-karkassi tal-majjal fil-Polonja huma ssodisfati. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Polonja tkun awtorizzata tipprevedi għal preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal bis-sonza, bil-kliewi u/jew bid-dijaframma u mingħajr il-kanal estern tas-smigħ. Jenħtieġ li l-piż reġistrat tal-karkassi jkun aġġustat kif xieraq għall-piż tal-preżentazzjoni standard.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2005/240/KE tiġi emendata kif xieraq.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1182 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskali tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ u dwar ir-rapportar tal-prezzijiet tas-suq ta' ċerti kategoriji ta' karkassi u animali ħajjin (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 74).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/240/KE tal-11 ta' Marzu 2005 li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fil-Polonja (ĠU L 74, 19.3.2005, p. 62).

- (8) Jenħtieġ li ma jitħallewx isiru modifiki tal-apparat jew tal-metodi tal-klassifikazzjoni, sakemm dawn ma jkunux awtorizzati espliċitament permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/240/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

L-użu tal-metodi li ġejjin hu awtorizzat għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal skont il-punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fil-Polnja:

- (a) l-apparat "Capteur Gras/Maigre — Sydel (CGM)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 1 tal-Anness;
- (b) l-apparat "Ultra FOM 300" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 2 tal-Anness;
- (c) l-apparat "Fully automatic ultrasonic carcass grading (Autofom)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 3 tal-Anness;
- (d) l-apparat "IM-03" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 4 tal-Anness;
- (e) l-apparat "Autofom III" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 5 tal-Anness;
- (f) l-apparat "CSB Image-Meater (CSB)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 6 tal-Anness;
- (g) l-apparat "Fat-O-Meater II (FOM II)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 7 tal-Anness;
- (h) l-apparat "manual method (ZP)" u l-metodi ta' valutazzjoni relatati miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 8 tal-Anness;
- (i) l-apparat "gmSCAN" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 9 tal-Anness;
- (j) l-apparat "ESTIMEAT" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 10 tal-Anness;
- (k) l-apparat "MEAT3D" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti 11 tal-Anness.

Fir-rigward tal-apparat "Ultra FOM 300", imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, wara li titlesta l-proċedura tal-kejl, irid ikun jista' jiġi vverifikat fuq il-karkassa li l-apparat kejjel il-valuri tal-kejl F1 u F2 fil-post previst fil-punt 3 tal-Parti 2 tal-Anness. L-immarkar korrispondenti tal-post tal-kejl irid isir fl-istess ħin meta ssir il-proċedura tal-kejl.

Il-metodu manwali ZP, imsemmi fil-punt (h) tal-ewwel subparagrafu, għandu jiġi awtorizzat biss għall-biċċeriji li għandhom linja tat-tbiċċir b'kapaċità li tipproċessa mhux aktar minn 40 majjal kull siegħa.

(*) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).".

(2) L-Artikolu 2 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Minkejja l-preżentazzjoni standard imsemmija fit-Taqsima B.III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, is-sonża, il-kliewi u d-dijaframma ma għandhomx għalfejn jitneħħew mill-karkassi tal-majjal, qabel ma jintiżnu u jiġu klassifikati, filwaqt li l-kanal estern tas-smiġh jista' jitneħħa. Sabiex jiġu stabbiliti kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjal b'mod komparabbli, il-piż tagħhom irregiſtrat malli jinqatlu għandu:

(a) jitnaqqas:

(1) għad-dijaframma b'0,23 %

(2) għas-sonża u l-kliewi bi:

— 1,90 % għall-karkassi tal-klassifika S u E,

— 2,11 % għall-karkassi tal-klassifika U,

— 2,54 % għall-karkassi tal-klassifika R,

— 3,12 % għall-karkassi tal-klassifika O,

— 3,35 % għall-karkassi tal-klassifika P.

(b) jiżdied b'260 gramma għal kull karkassa għaż-żewġ kanali esterni tas-smiġh.”

(3) L-Anness hu emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2019

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/240/KE, jiżiedu l-Partijiet 9, 10 u 11 li ġejjin:

“Parti 9

gmSCAN

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir bl-apparat magħruf bħala “gmSCAN”.
2. Il-gmSCAN juża l-induzzjoni manjetika biex jiddetermina l-proprjetajiet dielettriċi tal-karkassi mingħajr kuntatt. Is-sistema tal-kejl tissawwar b'għadd ta' koljaturi tat-trażmettitur li jiġġeneraw kamp manjetiku b'intensità varjabbli u baxxa. Il-koljaturi tar-riċevitur jikkonvertu s-sinjali mill-perturbazzjoni tal-kamp manjetiku kkawżata mill-karkassa f'sinjali elettriku kumpless, relatat mal-parametri dielettriċi tat-tessuti tal-muskoli u tax-xaħam tal-karkassa.
3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 44,589 - 0,190 \times CW + 2\,341,210 \times (Q1/CW) - 936,097 \times (Q2/CW) + 1\,495,516 \times (Q3/CW)$$

fejn:

- \hat{Y} = il-persentaġġ stmat ta' laħam dgħif f'karkassa;
- CW = il-piż tal-karkassa malli jinqatel (f'kilogrammi);
- Q1, Q2 u Q3 = ir-rispons tal-Induzzjoni Manjetika (f'Volts) mill-parti tal-perżut, tan-nofs u tal-ispalla rispettivament;

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma (f'piż tal-karkassa malli jinqatel).

Parti 10

ESTIMEAT

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir bl-apparat magħruf bħala ‘ESTIMEAT’.
2. L-ESTIMEAT juża kamera tal-fond biex jipproduċi immaġni tridimensjonali tal-karkassa u stima tal-parametri tal-forma tal-karkassa. Isiru 130 sezzjoni trasversali, u għal kull sezzjoni trasversali jiġu determinati dawn il-parametri li ġejjin biex jiġi kkalkolat il-kontenut tal-laħam dgħif: id-daqs tas-superfċje, iċ-ċirkwit, il-konvessitajiet.
3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 38,39317497 + 508,24 \times X1 - 148,557 \times X2 - 3,63439 \times X3 + 2,481331 \times X4 + 8,353825 \times X5 + 2,75896 \times X6 + 268,8835 \times X7$$

fejn:

- \hat{Y} = il-persentaġġ stmat ta' laħam dgħif f'karkassa;
- X1 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-66;
- X2 = il-konvessità ta' barra tal-karkassa bejn il-konvessità massima tal-perżut u tal-ispalla fil-punt Z-80;
- X3 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-58/errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-67;
- X4 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-103/errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-111;
- X5 = il-fond parzjali tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-49 fit-3/10 tal-wisa' tas-sezzjoni/il-fond parzjali tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-49 fil-5/10 tal-wisa' tas-sezzjoni;

X6 = il-fond massimu tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-18/il-fond massimu tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-49;

X7 = l-errur parzjali fil-punti ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R fil-punt P-72 fit-3/10 tal-erja tas-sezzjoni trasversali.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma (f'piż tal-karkassa malli jinqatel).

Parti 11

MEAT3D

1. Ir-regoli previsti f'din il-Parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal issir bl-apparat magħruf bħala 'MEAT3D'.
2. Il-MEAT3D juża skenjatur biex jipproduċi immaġni tridimensjonali tal-karkassa u stima tal-parametri tal-forma tal-karkassa. Biex in-nofs karkassa tal-majjal tingħata pożizzjoni waqt il-proċess tal-iskenjar, tintuża struttura speċifika. Isiru 130 sezzjoni trasversali, u għal kull sezzjoni trasversali jiġu determinati dawn il-parametri li ġejjin biex jiġi kkalkulat il-kontenut tal-laħam dgħif: id-daqs tas-superfċje, iċ-ċirkwit, il-konvessitajiet.
3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġeja:

$$\hat{Y} = 50,36925112 + 0,543385 \times X1 - 9,06185 \times X2 - 10,83 \times X3 + 488,8033 \times X4 - 2,56922 \times X5 + 17,34226 \times X6 - 2,00088 \times X7$$

fejn:

\hat{Y} = il-persentaġġ stmat ta' laħam dgħif f'karkassa;

X1 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-49/errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-23;

X2 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R fil-punt P-79/valur massimu tal-konvessitajiet tal-karkassa fil-punti P₅₀ - P99;

X3 = ir-raġġ tal-kurvatura ta' sezzjoni trasversali fil-punt P-68/ir-raġġ ta' kurvatura ta' sezzjoni trasversali fil-punt P-51;

X4 = l-errur parzjali fil-punti ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R fil-punt P-70 fit-3/10 tal-erja tas-sezzjoni trasversali;

X5 = l-errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-55/errur sommarju tal-punti tat-twaħħil ta' sezzjoni trasversali għal ċirku b'raġġ R_{sf} fil-punt P-71;

X6 = il-fond parzjali tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-62 fit-3/10 tal-wisa' tas-sezzjoni/il-fond parzjali tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-62 fis-6/10 tal-wisa' tas-sezzjoni;

X7 = il-fond parzjali tas-sezzjoni trasversali fil-punt P-33 fit-2/10 tal-wisa' tas-sezzjoni/valur massimu tal-perżut.

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 120 kilogramma (f'piż tal-karkassa malli jinqatel)."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT